# Lejn Kurrikulu Bikri Mingħajr Preġudizzji

*Carmel Borg*

**"Dan l-artiklu jipproponi kurrikulu bikri li, filwaqt li jenfasizza s-sbuħija tad-diversità soċjo-kulturali, jattakka l-preġudizzji u l-imġiba diskriminatorja"**



*Carmel Borg Ph.D (Toronto) is a lecturer in Curriculum Studies, Critical Pedagogy, Social Justice Education and Parental Issues in the Faculty of Education, University of Malta. He is the author and co-author of numerous articles in local and international journals and books, coordinator of the Programme in Teaching for Diversity, and research and training consultant for the Let Me Learn Process. He was involved in the drafting of the new National Minimum Curriculum.*

Meta tissemma l-kelma preġudizzju fil-kuntest tat-tfulija bikrija, ikun hemm min jissuġġerixxi li għandna nħallu lit-tfal jgħixu tfulithom bil-kwiet. Ħafna ġenituri ta' tfal żgħar, u edukaturi li jaħdmu fil-qasam tat-tfulija bikrija, jaħsbu li t-tfal huma protetti mill-preġudizzji u s-suġġettivitajiet tad-dinja adulta. Il-fehma ta' ħafna adulti, li l-ġnien tat-tfal huwa mnaqqi minn kull preġudizzju, tistona mar-riżultati tar-riċerka dwar l-iżvilupp ta' l-attitudnijiet u l-identitajiet tat-tfal żgħar. Imnebbaħ minn din ir-riċerka, u mgħarraf mill-għanijiet u l-prinċipji tal-Kurrikulu Minimu Nazzjonali, dan l-artiklu jipproponi kurrikulu bikri li, filwaqt li jenfasizza s-sbuħija tad-diversità soċjo-kulturali, jattakka l-preġudizzji u l-imġiba diskriminatorja.

## X'tgħid ir-riċerka

Ir-riċerka turina li:

- minn kmieni f'ħajjithom it-tfal jibdew jinnutaw id-differenzi soċjali u joħolqu klassifikazzjonijiet u kategoriji;
- l-identità u l-attitudnijiet jissawru bil-mod u f'fażijiet;
- l-isterjotipar soċjali u l-preġudizzji jinfluwenzaw il-mod kif it-tfal iħarsu lejhom infushom u lejn għajrhom.

L-istħarriġ internazzjonali jurina wkoll li t-tiswir ta' l-attitudnijiet u l-identitajiet tat-tfal huwa riżultat ta' l-għaqna ta' tliet ingredjenti umani importanti. Dawn huma:

- l-esperjenza fiżika;
- l-esperjenza soċjali;
- l-iżvilupp konjittiv.

Studju ta' Phyllis Katz (1985) dwar l-għarfien razzjali fit-tfulija bikrija juri li fl-ewwel sitt snin ta' ħajjithom it-tfal jibdew:

- jinnutaw messaġġi razzjali;
- jiffurmaw kunċetti primittivi dwar din ir-realtà soċjali;
- jibdew jiddistingwu kunċett minn ieħor;
- jirrikonoxxu li ċerti attribuzzjonijiet huma rriversibbli (eż. il-kulur tal-ġilda ma jinbidilx)
- jikkonsolidaw kunċetti marbutin ma' grupp soċjali;
- jelaboraw kunċetti li jiżviluppaw f'qafas soċjali partikulari.

Dawn ix-xejriet fl-iżvilupp ta' l-għarfien razzjali tat-tfal jixbhu ħafna r-riżultati miksuba minn Kohlberg, fl-istħarriġ tiegħu dwar il-fażijiet ta' l-iżvilupp ta' l-identità sesswali.

Minn dawn iż-żewġ xogħlijiet, u minn stħarriġ ieħor internazzjonali fl-oqsma ta' l-għarfien u t-tiswir ta' l-identitajiet, jirriżulta li t-tfal żgħar mistħarrġa għaddew minn dawn il-fażijiet ta' żvilupp:

- fl-ewwel sentejn ta' ħajjithom, it-tfal kienu qegħdin jitgħallmu li jeżistu sessi differenti, u li dawn iż-żewġ sessi differenti għandhom isem (tifel, tifla). Fl-istess perjodu, it-tfal bdew jitgħallmu l-ismijiet tal-kuluri. It-tagħlim tal-kuluri jista' jitqies bħala għodda importanti għall-esperjenza senswali tad-differenzi razzjali;
- Qrib it-tliet snin it-tfal bdew juru sinjali li qegħdin jiġu influwenzati min-normi u l-preġudizzji tas-soċjetà;
- Bejn it-tliet u l-ħames snin, it-tfal bdew bil-mod jifhmu x'inhuma l-attribuzzjonijiet esenzjali ta' l-identità personali tagħhom;
- Bejn l-erba' u l-ħames snin it-tfal mhux biss bdew jimmanifestaw dak li s-soċjetà tqis bħala imġiba sesswali propja, iżda wkoll bdew jirrinforzaw din l-imġiba bejniethom, mingħajr l-intervent ta' l-adulti. Instabu wkoll xi każijiet fejn it-tfal użaw skużi razzjali biex ma jitħalltux. F'dan il-perjodu, it-tfal mistħarrġa bdew juru l-ewwel sinjali konkreti ta' l-għarfien dwar id-diżabilità.

Mill-istħarriġ internazzjonali joħroġ ċar li, hemm jew m'hemmx fil-klassi t-taħlita soċjo-kulturali msemmija f'dan l-artiklu, kurrikulu bikri għandu jindirizza l-kunċett tad-differenzi mingħajr preġudizzji.

## L-Għanijiet Ġenerali tal-Kurrikulu Mingħajr Preġudizzji

Kurrikulu li b'mod konxju jattakka l-preġudizzji huwa differenti minn kurrikulu multikulturali. Fil-qosor, l-għan ewlieni tal-kurrikulu multikulturali huwa li jiffamiljarizza lit-tfal ma' kulturi differenti. Dan isir bit-tir li jiżdied ir-rispett tat-tfal lejn kulturi li m'humiex tagħhom.

Minħabba l-emfasi esaġerta fuq l-idea ta' ċelebrazzjoni tal-kulturi, il-kurrikulu multikulturali jista' jiddeġenera fi vjaġġ turistiku, b'emfasi fuq informazzjoni standardizzata ta' l-aspetti eżotiċi ta' pajjiżi, reġjuni u kulturi differenti.

Kurrikulu maħsub biex minn kmieni jattakka l-preġudizzji, jibni fuq l-elementi pożittivi tal-kurrikulu multikulturali, filwaqt li jevita l-eżotiċizzar soċjali. Fl-istess ħin, dan il-kurrikulu jippromovi proċess edukattiv inkluživ li jindirizza: (1) id-differenzi fl-abilitajiet, sesswali u kulturali; (2) il-bżonnijiet

*continued on page 17*

ta' l-iżvilupp fl-oqsma tat-tiswir ta' l-attitudnijiet u l-identitajiet; u (3) b'mod konxju l-impatt ta' l-isterjotipar u l-preġudizzji fuq l-iżvilupp tat-tfal.

> "(1) id-differenzi fl-abilitajiet, sesswali u kulturali; (2) il-bżonnjiet ta' l-iżvilupp fl-oqsma tat-tiswir ta' l-attitudnijiet u l-identitajiet; u (3) b'mod konxju l-impatt ta' l-istereotipar u l-preġudizzji fuq l-iżvilupp tat-tfal"

## L-Għanijiet Speċifiċi tal-Kurrikulu

Imnebbaħ mill-għanijiet ġenerali, programm edukattiv bikri, maħsub biex jimmina l-preġudizzji, għandu jkollu mill-inqas dawn l-għanijiet speċifiċi:

### a. tagħlim dwar xebh u differenzi razzjali

Il-Kurrikulu għandu:

- jinkuraġġixxi lit-tfal biex jistaqsu dwar il-karatteristiċi fiżiċi tagħhom u ta' sħabhom;
- jipprovdi lit-tfal b'informazzjoni preċiża. Din l-informazzjoni għandha tirrispetta l-fażi ta' l-iżvilupp tat-tfal;
- jgħin lit-tfal iħossuhom kburin bl-identità tagħhom;
- jgħin lit-tfal jiżviluppaw rispett lejn id-differenzi fiżiċi;
- jgħin lit-tfal jagħrfu l-karatteristiċi fiżiċi komuni - dawk li jagħmluna lkoll umani.

### b. tagħlim dwar id-diżabilità

Il-Kurrikulu għandu:

- jipprovdi ambjent inkluživ fejn kulħadd jista' jduq is-suċċess;
- jgħin lit-tfal b'diżabilità jiżviluppaw l-awtonomija, l-indipendenza, il-kompetenza, il-kunfidenza u l-istima personali;
- jipprovdi lit-tfal kollha b'informazzjoni dwar id-diżabilitajiet, u jgħin lit-tfal jifhmu li persuna b'diżabilità hija differenti f'xi aspetti u l-istess f'ħafna oħra;
- jgħin lit-tfal jissoċjalizzaw b'mod pożittiv ma' tfal b'dizabilità;
- jgħin lit-tfal b'dizabilità jiffaċċjaw b'suċċess sitwazzjonijiet socjali diffiċli;
- jgħallem lit-tfal li m'għandhomx diżabilità kif jirreżistu l-preġudizzju assoċċjat mad-diżabilitajiet differenti

### ċ. tagħlim dwar l-identità sesswali

Il-Kurrikulu għandu:

- jillibera lit-tfal minn kull tip ta' atteġġjament sterjotipat;
- jgħin fl-iżvilupp ta' identità sesswali b'saħħitha;
- jippromovi l-ekwità fl-iżvilupp taż-żewg sessi billi jiffaċilita l-parteċipazzjoni tat-tfal kollha fl-attivitajiet neċessarji għall-iżvilupp fiżiku, konjittiv, emozzjonali u soċjali;
- jiżviluppa ħiliet li jgħinu lit-tfal jissoċjalizzaw mingħajr preġudizzji

### d. taghlim dwar xebh u differenzi kulturali

Il-Kurrikulu għandu:

- jgħin lit-tfal jiżviluppaw il-kurżità dwar u empatija mad-differenzi u x-xebh kulturali;
- jgħin lit-tfal jegħlbu xi atteġjament negattiv fil-konfront tad-differenzi kulturali;
- jgħin lit-tfal jaffermaw l-identità kulturali tagħhom.

### e. tagħlim dwar reżistenza għall-imġiba diskriminatorja

Il-Kurrikulu għandu:

- jgħin li-tfal jissoċjalizzaw b'mod pożittiv bejniethom u ma' l-adulti;
- jgħin lit-tfal jiżviluppaw empatija lejn xulxin;
- jgħin lit-tfal jiżviluppaw attitudni kritika lejn l-isterjotipar;
- jgħin lit-tfal ikunu assertivi fil-konfront ta' imġiba diskriminatorja.



## L-Ambjent Viżwali u Estetiku

Il-kurrikulu mingħajr preġudizzji għandu jiżviluppa f'kuntest estetiku kompatibbli ma' l-għanijiet ġenerali u speċifici msemmija hawn fuq. Għalhekk, l-ambjent għandu jkun mogħni:

- b'ritratti tat-tfal, tal-familji tagħhom, u ta' l-istaff;
- bi stampi/ritratti li jirriflettu d-diversità kulturali tal-pajjiż;
- bi stampi/ritratti li jirriflettu l-ħajja ta' kuljum tal-familji Maltin;
- b'viżwali li joħolqu bilanċ tajjeb bejn irġiel u nisa f'azzjonjiet differenti;
- b'viżwali ta' anzjani attivi;
- b'ritratti ta' persuni b'diżabilità attivi u indipendenti
- bi stampi ta' xogħlijiet ta' arti u oġġetti minn kulturi differenti

## Il-Kotba

Kurrikulu mingħajr preġudizzji ma jistax jiżviluppa f'ambjent nieqes mill-kotba. Il-kotba magħżula biex isostnu dan il-kurrikulu għandhom:



● jirriflettu d-diversità kulturali, razzjali u sesswali;

● jippreżentaw informazzjoni preċiża u meħlusa mill-isterjotipar;

● juru kif kulturi differenti jgħixu l-ħajja ta' kuljum tagħhom;

● jirriflettu lingwi differenti (inklużi l-*braille* u l-lingwa tas-sinjali)

● jesponu lit-tfal għal familji differenti (inklużi familji bi dħul baxx)

## Logħob Drammaiku

Il-logħob drammatiku huwa attività ċentrali fil-kurrikulu bikri. Il-logħob drammatiku għandu jinkuraġġixxi:

● id-diversità fil-logħob billi jitbiddel kontinwament il-kuntest ta' l-hekk imsejha 'home corner', biex tinkludi l-garaxx, il-ħanut tax-xogħol, eċċ. Din iż-żona għandha tinkludi wkoll taħlita ta' ħwejjeg 'maskili' u 'femminili';

● id-diversità kulturali, bl-użu ta' oġġetti minn kulturi differemti;

● l-aċċessibilita għall-apparat użat min-nies b'diżabilità, fil-ħajja ta' kuljum tagħhom;

● l-għarfien personali permezz ta' mirja id-daqs tat-tfal.

**"Kurrikulu mingħajr preġudizzji għandu l-għan li jimmina l-proċess li jwassal għall-formazzjoni tal-pregudizzji"**

## Lingwa

l-ambjent għandu jipprovdi diversi opportunitajiet biex, minn kmieni, it-tfal jiffamiljarizzaw ruħhom ma' lingwi differenti. L-aċċessibiltà għal-lingwi bħal *braille* u tas-sinjali tgħin lit-tfal jidraw il-fatt li dawn il-lingwi huma daqs il-lingwa mitkellma.

## Pupi

Is-suq huwa mimli b'pupi li jirriflettu t-taħlita soċjo-kulturali.

L-edukaturi f'dan il-qasam għandhom jiżguraw li d-diversità soċjo-kulturali hija riflessa fil-pupi. Għandhom jiġu evitati pupi li jirrinfurzaw l-aspettativi sterjotipati ta' l-adulti.

## Manipulattivi

L-attenzjoni mitluba mill-edukaturi fl-għażla tal-kotba, attivitajiet, viżwali u pupi għandha tiġi estiża għall-għażla tal-manipulattivi (eż. *jigsaw puzzles*).

## Relazzjonijiet Soċjali

Il-proċess ta' l-għażla bir-reqqa tar-riżorsi għandu jkun ikkumplimentat minn relazzjonijiet soċjali pożittivi. Għalhekk, l-imġiba ta' l-edukaturi fil-konfront tat-tfal għandha tkun fuq l-aġenda personali tagħhom. Xi mistoqsijiet li jistgħu jgħinu lill-edukaturi fil-fażi tar-riflessjoni jinkludu:

● qiegħda tingħata attenzjoni immedjata għall-ħtiġijiet u interessi tal-firxa soċjo-kulturali tal-klassi?

● qiegħda tingħata l-istess libertà fiżika fl-użu ta' apparat għall-iżvilupp tal-muskoli l-kbar?

● qiegħed jingħata spazju biex is-subien jesprimu r-repertorju sħiħ ta' emozzjonijiet?

● qegħdin jiġu pprovduti opportunitajiet biex iż-żewġ sessi jintalbu jgħinu f'xogħol tradizzjonalment sterjotipat?

● qegħdin jinħolqu opportunitajiet biex tfal b'limitazzjonijiet ta' mobilità jitħalltu b'indipenenza ma' tfal oħra?

● Ir-riżorsi jistgħu jintlaħqu minn kulħadd?

● jista' jkun li l-edukaturi qegħdin ikunu protettivi żżejjed fil-konfront ta' ċertu tfal?

● jista' jkun li l-edukaturi għadhom jistennew imġiba differenti minn sessi differenti?

● jista' jkun li r-reazzjoni tagħhom għall-istess imġiba tinbidel skond minn liema sess ġejja?

● meta tfal jistaqsu dwar diżabilitajiet, dawn jingħatw tweġibiet diretti u eżatti?

● meta tfal jistaqsu dwar ġenitali u attribuzzjoniet fiżiċi dawn jingħatw tweġibiet tajba?

## Tmiem

Huwa magħruf li l-preġudizzji jaqbdu l-għeruq fit-tfulija bikrija. Kurrikulu mingħajr preġudizzji għandu l-għan li jimmina l-proċess li jwassal għall-formazzjoni tal-pregudizzji. Il-ħolqien ta' kuntest edukattiv, il-kitba ta' l-għanijiet, l-għażla tar-riżorsi u r-relazzjonijiet soċjali huma kruċjali fl-iżvilupp ta' dan il-kurrikulu.

## Riferenzi

Katz, P. (1982). Development of Children's racial awareness and intergroup attitudes. In L. G. Katz (Ed.) *Current Topics in Early Childhood Education,* Vol.4, 17-54. Norwood, NJ: Ablex

Kohlberg, L. (1966). A Cognitive Developmental Analysis of children's sex-role concepts and attitudes. In E. E. Maccoby (Ed.) *The Development of Sex Differences,* 82-172. Stanford, CA: Stanford University Press.